

Rikors ippreżentat fis-6 ta' Settembru 2017 – Volotea vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-607/17)**

(2017/C 392/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Volotea, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentanti: M. Carpagnano, avukat, u M. Nordmann, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla, parzjalment, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tad-29 ta' Lulju 2016 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.33983 (2013/C) (ex 2012/NN) (ex 2011/NN) implementata mill-Italja bħala kumpens lill-ajruporti ta' Sardinja għall-obbligi ta' servizz pubbliku;
- tikkundanna lill-Kummissjoni tbat i-ispejjeż tagħha stess u dawk sostnuti mir-rikorrenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq li l-Kummissjoni interpretat b'mod żbaljat it-tifsira ta' għajnuna mill-Istat taħt l-Artikolu 107 (1) TFUE.
 - Ir-rikorrenti tallega, *inter alia*, li l-Kummissjoni interpretat b'mod żbaljat il-kunċett ta' benefiċjarju. Hija ssostni wkoll li l-Kummissjoni żbaljat meta kklassifikat l-operaturi tal-ajruporti bħala sempliċi "intermedjarji" bejn ir-reġjun u l-kumpanniji tal-ajru, u dan ifisser li hija naqset milli tqis jekk tali operaturi rċevewx vantaġġ ekonomiku. Barra minn hekk, il-finanzjament ma kienx selettiv. Minbarra dan, il-Kummissjoni interpretat b'mod żbaljat it-tifsira ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u effetti fuq il-kummerċ.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq li l-Kummissjoni interpretat b'mod żbaljat it-tifsira ta' ġustifikazzjoni tal-għajnuna mill-Istat.
 - Ir-rikorrenti ssostni li l-asserzjoni tal-Kummissjoni li l-qafas li jirrigwarda servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali ma japplikax għall-attivitajiet inkwistjoni fil-kawża preżenti. Hija ssostni wkoll li l-Linji Gwida tal-Avjazzjoni tal-2005 jistgħu jiġġustifikaw il-finanzjament inkwistjoni.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq li, billi ordnat l-irkupru tal-għajnuna allegatament illegali, il-Kummissjoni naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni l-interessi leġittimi tar-rikorrenti. Il-Kummissjoni, li hija nieqsa minn prattika ċara fir-rigward ta' għajnuna indiretta, ma kellhiex tinsisti fuq l-irkupru.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq li l-Kummissjoni ttrattat b'mod żbaljat l-investigazzjoni peress li hija ma investigatx il-miżuri kkontestati b'diliġenza u b'imparzjalità.
 - Huwa sostnut li l-Kummissjoni ma wettqitx analiżi xierqa fir-rigward tat-test tal-operatur tal-ekonomija tas-suq, minkejja li dan huwa meħtieġ mil-liġi u mitlub f'diversi sottomissjonijiet minn terzi.

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq li l-Kummissjoni naqset milli tagħti motivazzjoni.

- F'dan ir-rigward, huwa sostnut li l-Kummissjoni ma ddiskutiet xi kwistjonijiet legali u fattwali importanti, tat motivazzjoni li ma kinitx inekwivoka, naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni ċerti argumenti importanti mqajma minn terzi u għamlet sqarrijiet li kienu ta' natura kontradittorja.

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Settembru 2017 – Is-Slovenja vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-626/17)

(2017/C 392/44)

Lingwa tal-kawża: is-Sloven

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika tas-Slovenja (rappreżentanti: V. Klemenc u T. Mihelič Žitko, avukati tal-Istat u R. Knaak, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla totalment ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1353, tad-19 ta' Mejju 2017, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 607/2009 fir-rigward ta' varjetajiet ta' għeneb tal-inbid u s-sinonimi tagħhom li jistgħu jidhru fuq it-tikkettar tal-inbejjed (ĠU 2017, L 190, p. 5), u
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-kawża.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha r-rikorrenti tinvoka tmien motivi.

1. L-ewwel motiv: billi adottat ir-regolament ikkontestat, il-Kummissjoni kisret l-Artikolu 232 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Uniku OKS", peress li dan ir-regolament tal-aħħar huwa applikabbli mill-1 ta' Jannar 2014, filwaqt li r-regolament ikkontestat huwa applikabbli mill-1 ta' Lulju 2013. Billi għamlet dan il-Kummissjoni marret lil hinn mil-limiti tas-setgħa mogħtija lilha mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 100(3) tar-Regolament Uniku OKS Nru 1308/2013.
2. It-tieni motiv: billi adottat ir-regolament ikkontestat, il-Kummissjoni ppreġudikat retroattivament drittijiet diġà kweżiti mill-produtturi Sloveni ta' mbid li jużaw id-denominazzjoni ta' oriġini protetta "Teran" (PDO-SI-A1581), u b'dan il-mod kisret prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni, u speċifikament il-prinċipju ta' ċertezza legali u l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, il-prinċipju ta' protezzjoni tad-drittijiet kweżiti u tal-aspettattivi leġittimi, kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità.
3. It-tielet motiv: billi adottat ir-regolament ikkontestat, il-Kummissjoni ppreġudikat b'mod sproorzjonat id-dritt għall-proprjetà tal-produtturi sloveni ta' mbid li jużaw id-denominazzjoni ta' oriġini protetta "Teran" (PDO-SI-A1581), u b'dan il-mod kisret l-Artikolu 17 tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 1 anness mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.
4. Ir-raba' motiv: sa fejn il-Kummissjoni pprevediet, fl-Artikolu 2 tar-regolament ikkontestat, perijodu tranżitorju għall-kummerċjalizzazzjoni ta' stokkijiet ta' nbid prodott qabel id-data ta' dħul fis-seħħ ta' tali regolament, anki jekk ma jkunx jirrispetta l-kundizzjonijiet ta' ttikettjar previsti fl-Artikolu 1 ta' dan tal-aħħar, hija kisret l-Artikolu 41 tal-Att dwar il-Kundizzjonijiet tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea, sa fejn id-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq tirrigwarda mbid prodott qabel l-1 ta' Lulju 2013.